Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 758/2010

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

***kontra***

**Reuben Fenech u Katya Fenech Pace (I.D. nri. 465473M u 47477M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf prezentat fit-28 ta' Lulju 2010 li jaqra hekk –

*1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratti datati fit-13 ta` Frar 2004, fil-21 ta` Lulju 2004, fid-9 ta` Lulju 2007, in atti Nutar Romina Bartolo u kif ukoll fl-iskritturi privati datati fil-25 ta` Mejju 2005, fis-7 ta`*

*Dicembru 2006, u fis-17 ta` Ottubru 2008 (Dok. 'A sa F') is-socjeta` attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Reuben Fenech u Katya Fenech Pace;*

*2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta` Reuben Fenech u Katya Fenech Pace fis-somma ta` tlett mija u hamsin elf, mitejn u erbgha u tmenin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€350,284.28) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta` Reuben Fenech u Katya Fenech Pace mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "G1 sa G4", "H1 sa H4", "I1 sa I5", "J1 sa J5", "K1 sa K2", "L1 sa L4", "M1 sa M27") flimkien ma` l-imghax ulterjuri mis-16 ta` Marzu 2010 sad-data tal-effettiv pagament;*

*3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A sa F") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Reuben Fenech u Katya Fenech Pace:*

*(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti u skritturi, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Reuben Fenech u Katya Fenech Pace li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici ;*

*4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment ;*

*5. Illi l-konvenuti Reuben Fenech u Katya Fenech Pace gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata fil-11 ta` Novembru 2009 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "N", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex Din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A sa F") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Reuben Fenech u Katya Fenech Pace (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti u skritturi, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Reuben Fenech u Katya Fenech Pace li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.*

*2. Tikkundanna lil Reuben Fenech u Katya Fenech Pace jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u hamsin elf, mitejn u erbgha u tmenin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€350,284.28) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u l-Overdraft Accounts" ta` Reuben Fenech u Katya Fenech Pace mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "G1 sa G4", "H1 sa H4", "I1 sa I5", "J1 sa J5", "K1 sa K2", "L1 sa L4", "M1 sa M27") flimkien ma` l-imghax ulterjuri mis-16 ta` Marzu 2010 sad-data tal-effettiv pagament;*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata fil-11 ta` Novembru 2009 kontra l-konvenuti u minghajr pregudizzju u bir-rizerva ghall-pretensjonijiet ohra tal-attrici kontra l-konvenuti Reuben Fenech u Katya Fenech Pace li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-bank attur u l-lista ta’ dokumenti esebiti mar-rikors mahluf.

Rat li r-rikors mahluf kien debitament notifikat lill-konvenuti skond il-ligi li min-naha taghhom naqsu milli jipprezentaw risposta mahlufa u b`hekk baqghu kontumaci.

Rat li l-konvenuti kienu wkoll debitament notifikati bl-avviz tas-smigh tal-kawza .

Qieset l-atti u d-dokumenti esebiti mill-bank attur.

**Billi l-provi attrici mhumiex kontradetti u d-domandi attrici jirrizultaw pruvati b’mod sodisfacjenti u kif trid il-ligi, fil-kontumacja tal-konvenuti, tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici kif dedotti fir-rikors mahluf, bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------